## Il-Ħadd, 23 ta' Ġunju 2019

Ġesù qagħad ikellem il-folol fuq is-Saltna ta' Alla ... Resqu lejh it-Tnax u qalulu: "Ibgħathom in-nies ħa jmorru jsibu fejn jistrieħu u jieklu xi ħaġa, għax hawnhekk post imwarrab." Iżda hu qalilhom: "Agħtuhom intom x'jieklu." Qalulu: "Ma għandniex aktar minn ħames ħobżiet u żewġ ħutiet ..." Għax kien hemm madwar il-ħamest elef raġel. U qal lid-dixxipli: "Qegħduhom bilqiegħda ħamsin ħamsin." Hekk għamlu ... Imbagħad ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, rafa' għajnejh lejn is-sema, berikhom u qasamhom, u tahom lid-dixxipli biex inewluhom lin-nies. U kulħadd kiel u xaba'.

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 9, versi 11b-17a***

# 204

"Huwa bis-saħħa tas-smigħ tal-Kelma tiegħu u tal-ħajja li jgħaddilna permezz tal-Ġisem u d-Demm tiegħu li Ġesù, minn folla jagħmilna komunità; minn nies fejn ħadd ma jaf lil ħadd u ħadd ma jinteressah minn ħadd, jagħmilna persuni f'komunjoni wieħed mal-ieħor. L-Ewkaristija hija s-Sagrament tal-komunjoni, li joħroġna mill-individwaliżmu biex il-mixja tagħna warajH nagħmluha flimkien, biex il-fidi tagħna fiH ngħixuha flimkien."

PAPA FRANĠISKU, *Omelija*,
Bażilika tal-Lateran, Ruma, 30 Mejju 2013

# Mhux iżjed folla

*Li nemmen*
*fi Kristu*
*hija xi ħaġa*
*li nagħmel*
*għalija waħdi?*

*Jew*
*li ngħixha*
*mal-oħrajn?*

Mulej,
bil-Kelma tiegħek
u bil-Ġisem u d-Demm tiegħek
Inti ma tridx tiftaħ il-qalb tagħna għalik biss
imma wkoll għall-oħrajn.
Bihom Inti trid tressaqna ftit ftit lejn l-oħrajn
li lilhom ukoll issemmgħalhom il-Kelma tiegħek.
Bihom Inti trid tgħaqqadna
ma' dawk li bħalna jagħmluk l-ikel tagħhom.
Bihom Inti trid tagħġinna
fis-solidarjetà mal-oħrajn,
l-aktar ma' dawk f'xi ħtieġa u minsija.
Bihom Inti tridna nisqu lil xulxin il-ħajja tiegħek.
Bihom Inti tridna nwasslu lil xulxin għandek.
Minn folla, agħmilna komunità
li fiha l-iżjed li titkattar hija l-imħabba vera.

## It-Tnejn, 24 ta' Ġunju 2019

Ġesù qal
lid-dixxipli tiegħu:
"Tiġġudikawx,
biex ma tkunux iġġudikati;
għax
bl-istess ġudizzju
li tagħmlu
intom,
tkunu ġġudikati;
u bl-istess kejl
li tkejlu intom,
jitkejjel
lilkom.
Xi trid tħares
lejn it-tibna
li hemm
f'għajn ħuk?"

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 7, versi 1-3a***



"Il-bnedmin, bil-ġudizzju tagħhom, jieqfu mal-qoxra; il-Missier iħares lejn il-qalb. Kemm jagħmel ħsara l-kliem meta hu mqanqal minn sentimenti ta' għira u mibegħda! Meta titkellem ħażin fuq ħuk meta mhux hemm, tkun qed tpinġih f'dawl ikrah, tilgħab mal-fama tiegħu u terħih fi lsien in-nies. Li ma niġġudikawx u ma nikkundannawx ifisser, b'mod pożittiv, li nagħrfu dak li hemm tajjeb f'kull persuna u ma nħallux li din issofri minħabba fil-ġudizzju parzjali tagħna u l-prużunzjoni tagħna li nafu kollox."

PAPA FRANĠISKU, Bolla tal-Ġublew tal-Ħniena, *Misericordiae Vultus,* nru 14, 11 April 2015

*Jien*
*l-hena tiegħi*
*niġġudika*
*lill-oħrajn?*

*It-tajjeb*
*tal-oħrajn*
*narah?*

# Prużunzjoni

Kemm aħna prużuntużi, Mulej,
fejn jidħlu l-bnedmin l-oħra
meta niġġudikawhom!
Kemm ma nirrealizzawx
xi stampa limitata għall-aħħar
aħna għandna tal-oħrajn
u li qatt mhu se nkunu f'qagħda
li fiha jkollna l-istampa sħiħa!
Kemm huma ħafna fin-numru dawk id-drabi
fejn imbagħad din il-prużunzjoni
tagħlqilna għajnejna kompletament
għat-tajjeb tagħhom,
u tħallina nixxalaw nikkonċentraw
fuq dak li jidher li mhuwiex tajjeb!
Aħfrilna, Mulej, tal-prużunzjoni li għandna,
u fejjaqna minnha.

## It-Tlieta, 25 ta' Ġunju 2019

Ġesù
qal lid-dixxipli tiegħu:
"Għaddu
mill-bieb id-dejjaq.
Għax
wiesa' l-bieb
u spazjuża t-triq
li tieħu għat-telfien,
u ħafna huma
li jgħaddu minnha.
Imma
kemm huwa dejjaq
il-bieb
u dejqa t-triq
li tieħu għall-ħajja,
u ftit huma
li jsibuha!"

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 7, versi 13-14***

# 206

"Il-bieb ta' Ġesù huwa dejjaq, mhux għax hu kamra tat-torturi; imma għax jitlobna niftħu qalbna għalih, biex nagħrfu lilna nfusna bħala midinbin, li għandna bżonn is-salvazzjoni, il-maħfra u l-imħabba tiegħu, biex inkunu umli biżżejjed li nilqgħu il-ħniena tiegħu u nħalluh iġeddidna. Ġesù jgħidilna li li tkun nisrani mhix xi tikketta ... imma li ngħixu u nixhdu l-fidi fit-talb, fl-opri tal-ħniena, fil-taħbit għal-ġustizzja, fit-twettiq tat-tajjeb. Mill-bieb id-dejjaq li hu Ġesù hemm bżonn li tgħaddi l-ħajja kollha tagħna."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 25 Awwissu 2013

*L-esperjenzi tiegħi ngħaddihom mill-bieb tal-esperjenzi ta' Kristu?*

*Lil Kristu nħares lejh bħala xi ħadd li jissikkani jew li jilliberani?*

# Lejn il-ħajja

Kull min jimxi warajk, Mulej,
huwa msejjaħ
jgħaddi l-ħajja kollha tiegħu minnek:
il-ħsibijiet tiegħu
jgħaddihom mill-ħsibijiet tiegħek;
ix-xewqat tiegħu
jgħaddihom mix-xewqat tiegħek;
it-tentazzjonijiet tiegħu
jgħaddihom mit-tentazzjonijiet tiegħek;
il-ferħ tiegħu
jgħaddih mill-ferħ tiegħek;
il-mumenti iebsa
jgħaddihom mill-mumenti iebsa tiegħek;
it-tfittxija għat-tajjeb
jgħaddiha mit-tfittxija tiegħek għat-tajjeb.
Agħmel, Mulej, li dan iseħħ fija.

## L-Erbgħa, 26 ta' Ġunju 2019

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Iftħu għajnejkom mill-profeti foloz; għax dawn jiġu għandkom libsin ta' nagħaġ, u minn ġewwa jkunu lpup ħattafa! Mill-frott tagħhom tagħrfuhom.
Jaqaw jiġbru għeneb mix-xewk, jew tin mill-għollieq?
Hekk kull siġra tajba frott tajjeb tagħmel, imma s-siġra l-ħażina frott ħażin tagħmel.
Siġra tajba ma tistax tagħmel frott ħażin, anqas siġra ħażina ma tagħmel frott tajjeb. Kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet fin-nar. Għalhekk mill-frott tagħhom tagħrfuhom."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 7, versi 15-20***

# 207

"Dan hu għemil il-profeti foloz
li Ġesù jwissina dwarhom:
jgħidu tant kliem,
jagħmlu l-għeġubijiet,
jagħmlu ħwejjeġ kbar,
imma qalbhom mhix miftuħa
għall-Kelma t'Alla: jibżgħu minnha.
Minnu li jagħmlu affarijiet tajbin,
imma tonqoshom il-blata,
il-blata tal-imħabba t'Alla,
il-blata tal-Kelma t'Alla.
U mingħajr din il-blata
ma jistgħux jipprofetizzaw,
ma jistgħux jibnu: kollox ikun
ħliqa, u fl-aħħar kollox jiġġarraf."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 25 Ġunju 2015

*Fil-ħajja tiegħi*
*x'post għandha*
*t-tfittxija*
*għall-verità?*

*Bħala nisrani*
*kif qed ngħixha*
*s-sejħa*
*li nkun profeta?*

# Li tinġarr mill-Verità

Mulej,
Inti ma tridniex ninġarru mill-kliem sabiħ
li jgħidilna xi ħadd jew li ngħidu aħna stess
sempliċement għax huwa kliem sabiħ:
Inti mill-verità biss tridna ninġarru,
u din il-verità nsibuha biss fi kliemek.
Il-kliem tiegħek
mhuwiex kliem maħsub biex jogħġob lil xi ħadd,
imma biex jibnih.
Il-kliem tiegħek mhuwiex kliem
biex jinżel tajjeb minn min jisimgħu,
imma biex jagħmillu tajjeb fil-fond ta' qalbu.
Ħa jkun biss kliemek - ukoll meta nħossuh iebes -
li jagħmlilna tajjeb fil-fond tal-qalb tagħna,
biex dak li mbagħad joħroġ minna
ma jkunx ħlief frott tiegħek.

## Il-Ħamis, 27 ta' Ġunju 2019

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Kull min jisma' dan kliemi
u jagħmel li qiegħed ngħid jien,
isir jixbah lil bniedem għaqli
li bena daru fuq il-blat.
Niżlet ix-xita, ġew il-widien,
qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik
id-dar, iżda ma ġġarrfitx
għax kellha s-sisien tagħha
fuq il-blat. Imma kull min jisma'
dan kliemi u ma jagħmilx
li qiegħed ngħid jien, isir jixbah
lil bniedem iblah li bena daru
fuq ir-ramel. Niżlet ix-xita,
ġew il-widien, qamu l-irwiefen
u ħabtu fuq dik id-dar, u ġġarrfet;
u kbira kienet il-qerda tagħha!"

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 7, versi 24-27***



"Min jaf jisma' kliem Ġesù
u mis-smigħ li jagħmel
jaġixxi bil-qawwa ta' din il-kelma
- mhux b'tiegħu -
dak jibqa' sod.
Minkejja li jkunu bnedmin umli,
bla importanza,
dawn huma n-nies kbar
li għandha l-Knisja! ...
In-nies kbar jafu jisimgħu
u jagħmlu dak li jisimgħu
għax il-fiduċja tagħhom,
il-qawwa tagħhom
hija l-blata tal-imħabba
ta' Ġesù Kristu."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 25 Ġunju 2015

# Fuq il-blat

*Kliem Kristu*
*nieħu gost*
*nisimgħu biss?*

*Xi spazju*
*nagħti f'ħajti*
*biex din*
*tkun*
*influwenzata*
*minnu?*

Kliemek, Mulej, mhuwiex kliem ħafif;
mhuwiex kliem li jdoqq dejjem għal widnejja.
Imma Inti tgħiduli dan il-kliem
u tistedinni nwettqu fil-ħajja tiegħi
għax tridni nibni ħajti fuq il-blat.
Inti tgħiduli dan il-kliem
u tokrobli nagħti widen għalih
għax trid ukoll tilqagħli minn qabel
għal dawk il-ħwejjeġ li lili ma jgħinunix ħlief
biex nibni ħajti fuq ir-ramel.
Inti tgħiduli dan il-kliem
u tħeġġiġni ngħixu
għax ma tridx tarani niġġarraf mal-iċken kuntrarju.
Agħtini l-grazzja li tgħidli x'tgħidli
nilqgħu minn għandek
bħala Dak li tassew iridli l-ġid.

## Il-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju 2019

Dan jgħid Sidi l-Mulej:
"Arawni, jien se nfittex in-nagħaġ
tiegħi u nieħu ħsiebhom ...
F'mergħat bnina għad nirgħahom,
u fuq l-iġbla għolja ta' Iżrael
tkun mergħathom.
Hemm jinxteħtu f'mergħa bnina,
u jimirħu f'art tajba
fuq il-muntanji ta' Iżrael.
Jiena stess nirgħa n-nagħaġ tiegħi,
u jiena nserraħhom,
oraklu ta' Sidi l-Mulej.
Jiena nfittex il-mitlufa, inreġġa'
lura l-imxerrda, ninfaxxa l-ġrieħi
tal-miġrugħa, u nqawwi l-marida.
Inħares is-smina u l-qawwija,
u nirgħahom bil-ġustizzja."

***Mill-Ktieb tal-Profeta Eżekjel,***
***kapitlu 34, versi 11. 14-16***

# 209

"Il-Qalb tar-Ragħaj it-Tajjeb
qed tgħidilna li mħabbtu
m'għandhiex limiti, ma tegħja qatt
u b'xejn ma ċċedi. Hemm naraw
l-għotja kontinwa tiegħu nnifsu,
bla limiti; hemm insibu
l-għajn tal-imħabba fidila u umli,
li tħallina fil-libertà u teħlisna;
hemm niskopru
kull darba mill-ġdid li Ġesù
- kif jgħidilna l-Evanġelju
skont San Ġwann -
iħobbna għall-aħħar, u ma jiqafx
qabel ma jħobbna sal-aħħar,
bla ma qatt jimponi ruħu fuqna."

PAPA FRANĠISKU,
*Omelija,* 3 Ġunju 2016

*Qalbi tikkontemplaha lill-qalb ta' Kristu?*

*Kemm qiegħda tixrob minnha?*

# Merġħat bnina

Il-Qalb tiegħek, Mulej,
ibqa' oħroġ minnha
l-fedeltà li għandek lejn il-Missier
u lejn il-bnedmin huma min huma,
bit-tama li xi darba
l-fedeltà tagħna tkun tixbah lil tiegħek;
ibqa' oħroġ minnha
għalija u għall-bnedmin kollha
l-imħabba li ma tafx tgħid biżżejjed,
bit-tama li xi darba
l-imħabba tagħna ma tibqax imħabba mxellfa;
ibqa' oħroġ minnha
l-merġħat bnina,
bit-tama li xi darba
qalbna wkoll toffri merġħat bħal dawn tiegħek
lill-oħrajn.

## Is-Sibt, 29 ta' Ġunju 2019

Meta wasal
fl-inħawi ta' Ċesarija ta' Filippu,
Ġesù staqsa lid-dixxipli tiegħu
u qalilhom:
"In-nies min jgħidu li hu
Bin il-bniedem?"
U huma weġbuh:
"Xi wħud Ġwanni l-Battista,
oħrajn Elija,
u oħrajn Ġeremija
jew wieħed mill-profeti."
"Imma intom," qalilhom,
"intom min tgħidu li jien?"
U qabeż Xmun Pietru
u qallu:
"Inti l-Messija,
l-Iben ta' Alla ħaj."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 16, versi 13-16***



"Hi l-mistoqsija deċiżiva, li quddiemha ma tiswa xejn it-tweġiba tal-okkażjoni, għax fin-nofs hemm ħajjitna: u l-mistoqsija tal-ħajja titlob tweġiba ta' ħajja. Għax ftit li xejn jiswa tkun taf l-artikli tal-fidi jekk ma tistqarrx lil Ġesù bħala s-Sid ta' ħajtek. Illum qed iħares f'għajnejna u jistaqsina: 'Jien min jien għalik?' Qisu qed jgħidilna: 'Għadni s-Sid ta' ħajtek, id-direzzjoni ta' qalbek, ir-raġuni tat-tama tiegħek, il-fiduċja tiegħek li ma titheżżiżx?' Ma' Pietru u ma' Pawlu nġeddu llum l-għażla tal-ħajja tagħna bħala dixxipli u appostli."

PAPA FRANĠISKU, *Omelija,* 29 Ġunju 2017

*Jien nisrani tal-pultruna?*

*Lil Kristu nħallih jisfidani?*

# Mhux fuq il-pultruna

Minn fuq il-pultruna ma nbati xejn, Mulej,
biex inwieġeb il-mistoqsija li Inti tagħmilli
dwar ir-relevanza tiegħek għalija.
Imma biex din l-istess mistoqsija
nweġibha bil-ħajja tiegħi,
dik kwistjoni oħra;
għax biex tkun ħajti li tistqarrek
bħala s-Sid veru tagħha,
altru li rrid inqum minn fuq il-pultruna!
Għax biex, bħal Pietru u Pawlu,
ninħaraq bl-imħabba għalik,
altru li rrid inqum minn fuq il-pultruna!
Agħtini l-qawwa
biex bħala dixxiplu u appostlu tiegħek
qatt ma nasal
biex inħossni komdu fuq il-pultruna!